# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2023**

**Numru 31**

**Rikors numru 1313/23TA**
**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1557/23:**

**TEUFL Siegfried noe**
**vs**
**TSG Interactive Gaming Europe Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd (is-Soċjeta' Rikorrenti) tas-17 ta' Novembru 2023;

Rat ir-risposta ta' Siegfried Teufl (l-intimat) tal-4 ta' Diċembru 2023;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar it-talba għar-rikuża tal-Imħallef sedenti li permezz tiegħu t-talba tar-rikuża ġiet miċħuda;

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet lill-abbli difensuri jissottometttu fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal digriet.

**Punti ta' fatti**

Dawn huma pjuttost sempliċi.

L-intimat ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 1557/2023 fl-ismijiet premessi u dan sabiex jesegwixxi Sentenza ta' Qorti Awstrijaka kontra s-Soċjeta' rikorrenti li hija Soċjeta' reġistrata f'Malta li tipprovdi servizzi ta' *on line gaming* kif debitament liċenzjata li tagħmel mill-Awtorita' Regolatorja Maltija.

Dan il-mandat ġie milqugħ. Iżda jirriżulta li qabel il-mandat odjern ġie milqugħ kien hemm diġa tentattiv simili kontra s-Soċjeta' rikorrenti permezz ta' mandat ta' sekwestru ieħor numru 1098/23. Pero' dan l-ewwel mandat ġie miċħud biex reġa' ġie presentat mandat odjern meta kien hemm Imħallef tal-Għassa differenti minn dak li ċaħad l-ewwel mandat. Issa s-Soċjeta' rikorrenti trid li l-mandat odjern jiġi imħassar għaliex ġaladarba l-ewwel mandat ġie miċħud, l-intimat ma setax jirrikorri għal mandat ieħor *ex-novo.*

**Punti ta' Liġi**

Permezz ta' din il-proċedura, is-Soċjeta' rikorrenti qegħdha titlob li l-mandat odjern jiġi imħassar abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jewxi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dakl-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jewf'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

*(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmiengħaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta: Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.*

*(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan <u>mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.Appell minn digriet</u>.*

*(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsirb'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-*

*digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.*

*(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-*każijiet *imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan."* (emfazi tal-Qorti).

A propositu ta' dan l-artikolu, din il-Qorti ma tħoss li ma hija ħaġa xejn sewwa li rikors bħal dan irid ikun deċiż fi żmien xahar <u>mill-presentata tar-rikors</u>. Fi żmien xahar <u>mill-presentata</u> irid ikun notifikat ir-rikors lill-parti l-oħra, li mhux garantit li dan isir b'faċilita', u jrid jingħata ukoll żmien lill-parti intimata biex tagħmel risposta. Dan huwa terminu irraġjonevoli għall-aħħar għaliex ix-xahar mhux faċilment dejjem jista' jintlaħaq. Din il-Qorti temmen, li għandu jkun intervent leġislattiv f'dan ir-rigward biex it-terminu ta' xahar jibda jiddekorri min-notifika tal-parti l-oħra, bħal ma jiġri fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni (ara art 875 tal-Kap 12).

Irid jingħad, li r-raġunijiet għal fejn jista' jintalab it-tħassir taħt dan l-artikolu twessgħu permezz ta' Sentenzi riċenti u l-posizzjoni m'għadhiex kif kienet sa ftit żmien ilu, fejn ir-raġunijiet kienu ristretti ħafna. Di fatti l-**Qorti tal-Appell fid-digriet Vincent Gauci vs Dr. Albert Fenech mogħti fis-27 ta' Marzu, 2020**, għamlitha ċara li kienet qiegħda titbiegħed mill-pożizzjoni ristrettiva u magħluqa meħuda mill-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet Edward Pace et v. Michael Sultana tal-5 ta' Mejju, 2005**. Il-Qorti tal-Appell saħqet li l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jiġi użat mhux biss fejn l-att esekuttiv ikun inħareġ minn qorti żbaljata jew meta jekk

ikun hemm xi difett fil-forma. Dan għaliex il-kliem "*għal raġuni valida skont il-liġi*" huma żgur iktar wesgħin minn dawk iż-żewġ każijiet.

Bħala punt ta' importanza legali, irid ukoll jiġi puntwalizzat li kwistjonijiet ta' natura proċedurali huma ta' ordni pubbliku u li ebda Qorti ma tista' titbiegħed lil hinn minn dak li trid il-proċedura (Ara **Sentenza fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni -vs- Medairco Ltd deċiża fil-11 ta' Novembru 2011).**

**Konsiderazzjonijiet**

Kif ingħad il-fatti huma ċari u ma tantx hemm xi tgħid dwarhom. Pero' anke fil-proċeduri odjerni, l-intimat dehrlu li kellu jerġa' jidħol fil-kwistjoni tas-supremazija tal-liġijiet ewropej, f'dan il-każ ir-regolament EU 1215/2012, fuq dawk maltin, f'dan il-każ l-artikolu 56A tal-Kap 583 tal-liġijiet ta' Malta. Iżda l-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-rikorrent, li dan kollu ma għandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti. Il-kwistjoni hija merament waħda ta' proċedura u mhux ta' mertu fis-sustanza. L-anqas ma huwa l-każ, li din il-Qorti tikkontempla x'jgħid dan ir-regolament f'dawn il-proċeduri, għax jekk qatt dan id-dibattitu jispetta li jsir quddiem dik il-Qorti oħra adita appositament.

L-argumenti li reġgħet ġabet f'dawn il-proċeduri dwar għal fejn għandu japplika r-regolament huma kollha argumenti li jistgħu ikollhom validita' kieku l-intimat għażel li jattakka dak id-digriet li qed jilmenta minnu qabel ma irrikorra għall-mandat mertu ta' din il-proċedura. Pero' l-Qorti trid

tosserva li għandu raġun l-intimat jilmenta li fil-liġi ma hemmx artikolu ekwivalenti għal dak tal-836 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta fil-każ ta' mandat kawtelatorju jew artikolu simili għal artikolu 281 meta mandat jiġi miċħud. Forsi anke hawn hemm bżonn intervent leġislattiv għaliex fil-waqt li l-intimat f'mandat għandu rimedju spedjenti, ma jidhirx il-liġi tipprovdix għall-proċedura b'daqstant ċelerita' lill-kreditur, f'każ ta' ċaħda biex jinħareġ xi mandat.

Dan pero' ma jfissirx li rimedju ma hemmx. Il-Qorti tfakkar li skont artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom. Dan huwa poter residwali tal-Qorti Superjuri in garanzija, li kull fejn ikun hemm preġudizzju ta' dritt, għandu jingħata rimedju. Dan l-artikolu appositament maħsub biex f'ċirkostanzi simili għal dawk tal-intimat, ikun jista' jfittex ir-rimedju, bħal fil-każ meta jrid li jattakka xi digriet partikulari li jħoss li jippreġudikah. Għalhekk, ir-rimedju ġenerali mogħti bl-artikolu 32 tal-Kap. 12, huwa fl-aħħar mill-aħħar rimedju residwali f'każ fejn il-liġi ma tipprovdix mezz idoneu u effettiv ieħor (Ara **Sentenza tas-27 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet John sive Gino Cutajar pro et -vs- Alfred Falzon Sant Manduca pro et**). Għalhekk ma hux il-każ li kif jingħad li l-intimat ma kellu ebda rimedju effettiv. Issa l-mod kif għandu jiġi eżerċitat dan ir-rimedju huwa dak li ordinarjament użat u li huwa meqjus bħala kawża f'artikolu 154(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi li –"*proċediment b'rikors ġuramentat*

*jitqies li huwa kawża, meta l-qorti toħroġ jew tagħti ordni lill-parti biex tidher quddiemha fil-jum u l-ħin stabbilit sabiex tgħid għaliex m'għandhiex tiġi milqugħa t-talba miġjuba fir-rikors ġuramentat."* Dan huwa fil-fatt l-artikolu li jagħti ħajja formali l-poteri residwali tal-Prim Awla abbażi tal-artikolu 32 fuq imsemmi.

Il-Qorti mhux ser toqgħod tirrepeti l-istess motivazzjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta imsemmija mis-Soċjeta' rikorrenti, li bis-saħħa tagħhom intlaqgħet it-talba bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti. Huwa minnu, li ġaladarba jkunu sodisfatti l-elementi tal-artikoli 375 u 376 il-Qorti għandha tiddeċiedi il-mandat għalkemm mhux bil-fors tilqgħu. Iżda fil-każ odjern dan irid jittieħed fil-kuntest li dan japplika meta jkun l-ewwel mandat li ntalab u mhux meta jkun qed jintalab t-tieni mandat, fuq l-istess pretensjonijiet, meta l-ewwel wieħed ikun miċħud għaliex altrimenti veru jkun il-każ ta' *forum shopping,* li hija ħaġa odjuża għall-aħħar fil-kamp tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Issa lanqas ma huwa minnu li kien hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi biex jista' jingħad li feġġew raġunijiet ġodda għall-otteniment tat-tieni mandat. Anke l-istess intimat jirrikonoxxi fir-risposta tiegħu, li il-mandat odjern huwa "kważi identiku". Minn eżami tal-atti jirrisulta, li dak li ntalab fit-tieni mandat ma jippresenta ebda fatti u ċirkostanzi ġodda ta' sustanza minn dawk li kien qiegħed jipprova jikkawtela l-intimat bl-ewwel mandat tant li din il-Qorti temmen li li kieku l-intimat laħaq għarraf lill-Qorti li kien diġa' ġie presentat mandat ieħor u liema mandat ġie miċħud, dik il-Qorti mingħajr ebda dubbju kienu jiċħdu t-

tieni mandat. Dan mhux biss sabiex jiġu evitati digrieti u ordnijiet kontradittorji iżda għax jiddettaw il-prinċipji tal-ġustizzja u ċ-ċertezza tad-drittijiet.

Dan ifisser li fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tasal għall-istess konklużjonijiet bħal dawk mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta li s-Soċjeta' rikorrenti għandha raġuni valida għalfejn għandha tħassar il-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri.

**Provvediment**

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq premessi qed **tilqa' l-ewwel talba** tas-Soċjeta' rikorrenti u tordna li ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta tħassar għal kollox l-att esekuttiv odjern ossia l-mandat ta' Sekwestru numru 1557/23 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilqa' t-tieni talba u tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat opportun bin-notifiki skont il-liġi.

Fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula dwar in-neċessita' ta' tibdil fil-liġi, il-Qorti qed tordna li kopja ta' dan id-digriet tiġi notifikata lill-Kummissarju għal-Liġijiet.

Spejjes għall-intimat.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**